MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2007

Appell Civili Numru. 1709/2004/1

**Middlesea Insurance plc**

**vs**

**Paul Caruana u Aaron Caruana**

**Il-Qorti,**

Fit-30 ta' Novembru, 2006 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**It-Tribunal
>
> Ra l-Avviz li permezz tieghu l-attur talab hlas ta'tlett mitt Lira Maltin sebgha u disghin centezmi (LM300.97) rapprezentanti ammont li s-socjeta' attrici kellha taghmel tajjeb ghalih ai termini tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta konsegwentement ghall-incident stradali li sehh fil-15 ta' Settembru, 2002 meta l-konvenut Aaron Caruana, fil-waqt li

kien qed isuq il-vettura FBB-534 di propjeta' tal-konvenut l-iehor Paul Caruana u assigurata mas-socjeta' attrici habat f'Kappara Petrol Station, Kappara u kkaguna danni fl-ammont indikat.

Aaron Caruana kkaguna l-imsemmi incident billi saq il-vettura FBB-534 b'imperizja, traskuraggni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tas-sewqan.

Paul Caruana ippermetta lil Aaron Caruana li jsuq il-vettura FBB-534 minkejja fil-mument ta' l-incident 'de quo' Aaron Caruana ma kienx jikkkwalifika bhala sewwieq awtorizzat sabiex isuq il-vettura FBB-534 ai termini tal-polza ta' l-assikurazzjoni mahruga mill-attrici.

Il-konvenuti baqghu inadempjenti minkejja diversi interpellazzjoniijiet ghal hlas.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment, u l-imghax legali min-notifka ta' dian l-avviz sad-data ta' l-effetiv pagament kontra l-konvenuti.

Ra r-Risposta taz-zewg konvenuti fejn gie sollevat illi ghal dak li jirrigwarda Aaron Caruanadan m'ghandu l-ebda relazzjoni guridika ma l-attur stante li l-vettura ma kienetx misjuqa minuu imma l-kawza prossima ta' l-incident se mai u fl-aghar ipotezi kienet il-habta u mhux xi nuqqas tal-konvenut prospett mill-atturi.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespot il-konvenut Paul Caruana bl-ebda mod ma halla lil ibnu juza l-vettura in kwistjoni.

Illi b'hekk fit-talba fil-konfront ta' Paul caruana mhix guridikament sostennibli.

Illi rigwardanti z-zewg konvenuti flimkien ghandu jinghad illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante li l-ewwel nett mill-istess avviz ma

jirizultax fejn u lil min gew kkagunati d-danni u in oltre l-istess konvenuti jaffermaw li ma kien hemm ebda kollizzjoni u ma gew ikkawzati ebda danni.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra x-xhied ta’ Wayne Attard, Jeffrey Scorey u George Bonnici, PS245 Keith Arnaud, Justin Hammett u l-konvenuti Aaron Caruana u Paul Caruana.

Ra d-dokument kola ezebiti mis-socjeta’ attrici.

Ra n-Nota ta’ Riferenzi tas-Socjeta’ attrici.

Ikkunsidra

Mix-xhieda u dokumenti jirrizulta li l-Unipol Insurance Agency tas-socjeta’ attrici, bieghhet polza ta’ assikurazzjoni *third party only* fejn is-sewwieq irid ikollha ‘l fuq minn hamsa u ghoxrin sena sabiex ikun kopert, jidher illi l-assikurat kien Paul Caruana. Gew notifikati minn Elmo Insurance li l-konvenut Aaron Caruana li jigi t-tifel ta’ Paul Caruana kkaguna danni fl-ammonti ta’ LM318.67 lil Petrol station ta’ George Bonnici assikurata ma’ Elmo. S-Socjeta’ attrici kienet hallset id-danni rikjesti minn Elmo Insurance. Ghalhekk is-socjeta’ attrici qed dtitlob li l-assikurat taghha Paul Caruana u Aaron Caruana jhallsu d-danni li soffrew peress illi kellhom ihallsu il-claim ta’ Elmo Insurance. Ghalkemm fix-xhieda ta’Wayne Caruana jidher illi kien ammissjoni min-naha ta’ Paul Caruana verbalment, bil-miktub qatt ma ammetta t-tort tal-incident. Is-Socjeta’ Attrici kellha diversi laqghat mall-konvenut assikurat Paul Caruana. Il-konvenut Aaron Caruana qatt ma kien tfacca ghand is-socjeta’ attrici. Intqal ukoll mix-xhieda ta’ Wayne Caruana illi il-konvenut Paul Caruana kien offra li jhallas mitt Lira imnghad ikompli xi pagamenti ohra mensili.

Ra x-xhieda ta George Bonnici, proprjetarju tal-petrol station f’Regional Road, Kappara fejn qal illi ghal habta tas-6a.m. dahal ghax-xoghol u sab li kellu xi pajpijiet li jaghtu l-petrol bihom imkissrin. Sab illi l-fuel guns tal-pompa, kif ukoll il-hadid fejn jitpogga l-‘gun’ tal-petrol kien miksur.Jghid illi fil-gurnata ta’ qabel kollox kien f’posta u kien dak inhar li nstabu d-danni spjegati. Sar-rapport mall-pulizija u mas-socjeta’ assikurattiva tieghu u cioe’ Elmo Insurance. Hu kien ipprezenta ricevuti lill-insurance tieghu u dawn koprew l-ispejjez tad-danni kif rikjesti. Jghid illi l-Petrol Station ghandha *protection barrier* ta’ xi tnax-il pajpijiet ingastati ma’ l-art li jiffunzjonaw bhala protezzjoni ghal-pompi tal-petrol li jinsabu fuq wara.

Ra x-xhieda ta’ Jeffrey scorey , Claims Manager ma’ Elmo Insurance fejn ikkonferma illi George Bonnici kien ghamel claim f’Settembru ta’ 2002 u rraporta hsarat *fin-nozzles u hospipe tal-pompi tal-petrol*. Gew promessi li jigu esebiti ritratti tal-hsarat mis-socjeta’ attrici izda dawn qatt ma gew pprezentati fit-Tribunal diversament presejedut.

Ra x-xhieda ta’ PS 245Keith Arnaud u r-rapport tal-istess surgent, fejn qal illi l-iskizz ma kienx to scale u l-incident kien jikkonsisti f’habta go petrol station u mbaghad spiccat go sigra. Fir-rapport jidher illi l-konvenut Aaron Caruana kien qal lill-Pulizija fil-hin tal-incident li l-karozza misjuqa minnu kienet skidjat u dahlet fil-*bollards* tal-petrol station u mbghad skidja u habit go sigra. Is-Surgent kien ghamel ukoll nota ta’ *property damage* lil George Bonnici sid il-petrol station. Il-verzjoni tal-pulizija kienet illi meta marru *on site* sabu il-vettura FBB-534 fic-central strip, quddiem il-Kappara Petrol station fejn il-konvenut kien qallu lli kien niezel in-nizla, habat mall-bollards ta’ quddiem il-petrol station u mal-habta spicca fuq ic-central strip fin-nofs tat-triq. Fir-rapport jinghad ukoll lli l-ghada kien hemm rapport mis-sid il-petrol station u meta l-pulizija regghu marru lura raw il-

hsarat fuq in-nozzles u l-hoes-pipes tal-pompa tal-petrol. Hsarat lli ma kienux indunaw bihom fil-lejl tal-incident ghaliex ma kienux facilment visibbli. Il-Pulizija ma eskludewx il-hsarat setghu jigu kkagunati mill-istess vettura FBB-534. Is-Surgent Arnaud jghid inkontro ezami lli ma kienx hemm zebgha tal-karozza misjuqa minn Aaron Caruana fil-hsarat tal-pompi.

Skond ir-rapport il-hsarat li sehhet il-vettura FBB-534 kienu fuq quddiem fiz-zewg mudguards, fil-windscreen ta' quddiem u fiz-zewg roti ta' quddiem

Ra lli t-temp dak il-lejl kienet ix-xita u l-art imxarba.

Ra x-xhied a tal-konvenut Aaron Caruana fejn qal illi fix-xita hass il-karozza tigbed u kiser ghal kollox, miss il-'pole' tal-hadid li hemm barra l-petrol station. Cahad illi l-karozza f'xi hin dahlet 'l gewwa mill-*bollards.* Qal ukol ill il-pulizija kien dar dawra mal-pompa tal-petrol u li kien qallu lli ma kien hemm xejn hsara hemm. Jghid illi wara xi sentejn mill-incident kienu rcievu karta sabiex ihallsu d-danni. Rrimarka ukoll illi hsara fil-vettura kienet fuq mudguard u rota wahda biss u ma qabilx mar-rapport tal-pulizijia fejn intqal ili hsara fil-vettura kienet fuq il-quddiem kollu.

Ra x-xhieda tal-konvenut Paul Caruana, missier il-konvenut l-iehor Aaron Caruana, fejn qal illi wara l-incident hu kien mar fuq il-post. Fuq il-post il-pulizija kien qallu lli ma kienx hemm hsara mall-pompa tal-petrol. Jghid illi wara xi sentejn mill-incident kienu bghatu ghalih il-Middle Sea Insurance fejn infurmawh illi kien hemm hsrat fuq il-pompa tal-petrol kagun ta' l-incident li kien garrab ibnu Aaron Caruana.

Ix-Xhud iddikjara li hu kien jaf lli t-tifel kien isuq il-karozza.

Ra x-xhieda ta' Justin Hammett li qal li hu kien wiehed mill-passigiieri fil-karrozza misjuqa minn Aaron Caruana. Hu ftakar illi kienu habtu ma centre strip. Jghid illi l-petrol station fiq ix-xellug ma kienx tmiss. L-anqas kien jiftakar jekk habtux ma xi bollards li kienu fuq quddiem tal-petrol station.

Ra n-Nota ta' Riferenzi tas-socjeta' attric.

It-Tribunal jirrilleva li trattandosi ta' zewg verzjonijiet konfliggenti, ikollha tirreferi u toqghod fuq id-deposizzjonijiet kontrastanti moghtija mill-partijiet u testendi l-indagini taghha fuq il-provi dokumentali li ghandhom iwassluha ghas-soluzzjoni gusta tal-vertenza.

Is-Socjeta' attrici talbet mill-konvenuti s-somma ta' tlett mitt Lira Maltin u sebgha u disghin centezmi (LM300.97) ghad-danni sofferti wara habta li saret f'Kappara Road Petrol Station. Dan l-ammont gie kkontestat mil-konvenut. Minn naha l-ohra l-eccezzjoniji sollevati mill- konvenut Aaron Caruana jallega li ma hemmx ebda relazzjoni guridika ma l-attur stante illi l-vettura ma kienetx misjuqa minnu imm mall-kawza prossima ta' l-incident se mai fl-aghar ipotesi kienet il-habta u mhux xi nuqqas tal-konvenut prospettat mill-atturi.

Jinghad ukoll fir-risposta lli Paul Caruana bl-ebda mod ma halla lil ibnu juza l-vettura in kwistjoni. Izda fix-xhieda l-istess xhud jghid illi kien ihalli lil ibnu jsuq il-karozza.

Illi dwar il-*quantum* mitlub diga' gie osservat 'supra' li dwaru hemm kontestazzjoni.

Sema t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

L-Istanza ta' din il-kawza mhijiex kollizzjoni bejn zewg vetturi izda hsara li sehhet f'proprjeta' ta' terzi. Is-socjeta' attrici qieghda tghid illi mal-habta

il-*bollards* li jinsabu fuq il-quddiem tal-petrol station f'Regional Road , Kappara il-vettura bin-numru FBB-534, misjuqa minn Aaron Caruana gew milquta u mad-daqqa l-vettura lwiet fid-direzzjoni tal-fuel pumps fejn garrbiltilhom xi hsarat. X-Xhud George Bonnici kien qal li ha jghaddi xi ritratti tal-hsarat sabiex jigu prezentati lit-Tribunal, izda jidher fl-Atti tal-kawza li dawn ir-ritratti qatt ma gew prezentati. Il-Konvenut Aaron Caruana qieghed jghid illi huwa minnu lli l-vettura misjuqa minnu habtet mall-bollards izda mall-habta il-vettura spiccat fuq ic-centre strip go sigra u qatt ma miss mal-fuel pumps. Il-Konvenut Paul Caruana qighed jghid illi huwa qatt ma kien sema' minghand l-insurance hlief ghal xi sentejn wara, ghalkemm jidher mid-dokumenti ezebiti lli s-socjeta' attrici kienet ghamlet kuntatt mall-konvenut assikurat Paul Caruana wara sena.

Jirrizulta mid-dokumenti pprezentati lli l-incident sehh fil-15 ta' Settembru, 2002 u li fir-rapport moghti dak il-hin mill-konvenut Aaron Caruana kien spjega kif gara l-incident izda qatt ma semma' lli kien habat mall-pompi tal-petrol.

Huwa fatt konstata illi is-sewwieq tal-vettura FBB-534 ma kienx kopert bil-polza ta' assikurazzjoni f'isem missieru. Jidher mill-atti tal-kaz illi l-konvenut Paul Caruana halla lil ibnu Aaron isuq din il-vettura meta huwa ma kienx kopert permezz ta' polza ta' l-assigurazzjoni, ghalkemm fir-risposta inghad illi il-konvenut Paul Caruana ma halliex lil ibnu jaghmel uzu mill-vettura.

Irrzulta wara l-incident illi sar rapport matul il-gurnata war l-lejl tal-incident minn George Bonnici, sid il-petrol Station li tinsab f'Regional Road, Kappara. Marret il-pulizija fuq il-post fejn ikkonstatat xi hsarat fin-nozzles tal- fuel pumps u fil-fuel guns. Fir-rapport tal-pulizija itnizzel ukoll illi fil-hsarat ma kienx hemm xi zebgha tal-vettura involuta fl-incident li kien sehh matul il-lejl li

ghaddha izda intqal mill-pulizija illi l-anqas ma seta’ jeskludi l-hsarat setghu jigu kkawzati mill-istess vettura.

Jidher mill-Atti tal-kawza lli l-konvenuti gew notifikati bil-claim ta’ George Bonnici , sid il-petrol station xi sentejn wara. Gie pero’ konstatat illi b’ittra mibghuta mill-avukat tas-socjeta’ attrici lli il-konvenuti saru jafu b’din il-claim sena wara l-incident.

L-ewwel osservazzjoni li ghandha ssir hija lli s-sid tal-Petrol Station installa l-bollards fit-triq, quddiem il-pompi tal-petrol apposta sabiex jigi evitat impatt dirett fil-kaz illi jkun hemm xi incident stradali fil-vicinanzi. Ghalhekk sid il-petrol station bhala prekawzzjoni pogga dawn il-bollards fuq quddiem dawn il-pompi tal-petrol. Gie kkonstat minn dan it-Tribunal iili bejn  il-bollards u l-pompa tal-petrol tista’ tghaddi karozza wahda biss.

Jidher illi  dawn il-bollards gew installati apposta sabiex jekk isehh  xi incident stradali  il-vetturi ghandhom l-ewwel jahbtu ma dawn il-bollards. Jekk sid il-petrol station qieghed igarrab xi hsarat jidher li dawn il-bollards mhumiex qieghdin joffru l-protezzjoni meqjusa.

It-Tesi fejn qieghed jigi dikjarat illi bl-impatt ta’ vettura li tahbat ma dawn il-bollards li jinsabu f’nizla, din il-vettura ddur ghal go bejn il-bollards, tghaddi bejn il-bollards u  l-pompi tal-petrol, fejn iggarrbilhom hsarat  u tispicca go sigra fic-centre strip  hija inverosimili.

Jekk is-socjeta’ assikurattrici hallset ammont lis-sid tal-petrol station  mhux il-kaz li titlob minghand il-konvenuti.

Dan il-kaz  jitratta dwar rizarciment ta’ danni kontrattwali fil-konfront ta’ Paul Caruana fir-rigward ta’ nuqqas da parti minn Paul Caruana li

gie kkonstata illi halla lil ibnu jsuq il-vettura nvoluta fl-incident stradali, u dan bi ksur tal-obbligu kontrattwali assunti mill-konvenut Paul Caruana ai termini tal-polza ta' l-assigurazzjoni in kwistjoni u ppermetta lli l-vettura tigi misjuqa minn persuna ta' taht il-hamsa u ghoxrin sena.

It-Tribunal huwa konvint illi hsarat fil-petrol station ma sehhux kawza tal-incident stradali li sehh fil-lejl tal-15 ta' Settembru, 2002.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talbiet tas-socjeta' attrici, fil-waqt illi jilqa' l-eccezzjoni tal-konvenut Aaron Caruana billi jiddikjara lli dan m'ghandu ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizju u jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici fil-konfront tal-konvenut Paul Caruana li halla lil ibnu jsuq il-vettura meta l-polza ta' assikurazzjoni ma kienetx tkoprih, izda dan in-nuqqas m'ghandu jkollu ebda impatt fuq l-ezitu ta' din il-kawza stante illi d-danni ma gewx ikkagunati mill-konvenuti.

Spejjez a karigu tas-socjeta' attrici.”

Il-konvenut Paul Caruana appella minn din is-sentenza u talab ir-revoka taghha in kwantu din laqghet it-talbiet attrici fil-konfront tieghu. L-ilment tieghu mhux dirett fil-konfront ta' l-apprezzament tal-fatti izda hu cirkoskritt ghad-deduzzjoni ta' vizzju fit-tfassil tal-motivazzjoni tas-sentenza u li hu jikkwalifika bhala wahda kontradittorja ghall-ahhar;

Jibda biex jinghad illi, kif sewwa osservat mis-socjeta` attrici appellata fir-risposta ta' l-appell taghha, il-ligi specjali intiza bil-Kapitolu 380 ma tikkonferix lil din il-Qorti l-poter li tirriezamina l-vicenda processwali jew li tinoltra ruhha fl-gharbiel tal-fatti. Tali setgha tispetta eskluzivament lit-Tribunal ghal Talbiet Zghar in kwantu hu

dan li ghandu l-kompitu li jindividwa mill-provi prodotti dawk l-elementi ta' fatt li jservu ghal konvinciment tieghu, li jikkontrolla l-attendibilita taghhom u li jaghzel mir-rizultanzi istruttorji dawk il-fatti li huwa jirritjeni li huma maggorment rilevanti ghad-dimostrazzjoni tal-verita tal-fatti lilu sottoposti. Dan hu hekk dejjem fil-kaz fejn l-ammont involut ma jkunx jeccedi l-hames mitt lira (Lm500) ghal liema jirreferi l-Artikolu 8 (3) ta' l-Att VI ta' l-1995;

Dan premess, kif gja ntqal l-aggravju interpost mhux imqieghed fuq il-binarju tal-kontestazzjoni tal-fatti izda hu wiehed artikolat f' censura ta' l-argoment zvolt mit-Tribunal fil-parti razzjonali tas-sentenza. Impustat f' dan is-sens, l-appellabilita` tas-sentenza ma tistax titqies li hi inammissibbli jew eskluza billi ghalkemm hu veru li t-Tribunal adit ghandu b' funzjoni l-fakolta li jiddeciedi principalment skond l-ekwita`, dan ma jeskludix is-sindakar minn din il-Qorti fejn jirrizulta illi s-sentenza mhix skond il-ligi;

Indiskutibilment, hu principju generali li sentenza priva minn motivazzjoni hi radikalment nulla in kwantu ma tkunx korrispondenti ghar-rekwizit formali dettat mil-ligi procedurali, *ad exemplum*, l-Artikolu 218 tal-Kapitolu 12. Similment, tali sentenza tista' wkoll titqies difettuza jekk jinstab li din tkun tikkontjeni motivazzjoni kontradittorja, inkoerenti u illogika b' tali mod li jkun jonqos dak il-procediment logiku-guridiku mqieghed ghab-bazi tad-decizjoni. Ara in tema s-sentenza fl-ismijiet "**Rose Loftus *et* -vs- Ray Mallia (Blye Engineering Co. Ltd)**", Appell Inferjuri, 9 ta' Lulju 1999. Aghar minn hekk hi s-sitwazzjoni fejn il-kontradittorjeta tkun tinsab fil-parti deciziva tas-sentenza. Dan ghaliex hi din il-parti operativa tas-sentenza, li taghmel il-gudikat (ara **Kollez. Vol. XLII P I p 287**) u dan jinnecessita li almenu din il-parti tkun intelligibbli. Huwa allura l-kompitu ta' din il-Qorti li tikkontrolla jekk l-argoment zvolt mit-Tribunal huwiex konformi ghal kriterju tal-korrettezza guridika u tal-koerenza logika;

Evidentement, kif anke hu hekk rikonoxxut mis-socjeta` assiguratrici attrici, *ictu oculi* hi lampanti n-nuqqas ta' kawzalita logika bejn ic-cirkustanzi li fihom it-Tribunal iddetermina li l-konvenut l-iehor, iben l-appellant, ma kienx responsabbli ghad-danni reklamati u s-soluzzjoni guridika moghtija li biha fl-istess waqt it-Tribunal sab lill-appellanti hekk responsabbli ghal fatt li ppermetta lill-istess ibnu jsuq bla kopertura assikurattiva f' sitwazzjoni fejn dan ibnu ma kkagunax id-danni li taghhom is-socjeta` attrici appellata ppretendiet ir-rimbors. Ghal din il-Qorti, l-istess bhal partijiet in kawza, din il-proposizzjoni fil-parti decizorja tas-sentenza li ghal kollox inkonciljabbli u tippekka minn illogicita. Huwa l-kaz allura li l-Qorti tilqa' l-appell kif sottomess lilha.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell devolut lilha billi tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn it-Tribunal iddetermina li kien qed jilqa' t-talba tas-socjeta` attrici fil-konfront ta' l-appellanti. Fic-cirkustanzi huwa xieraq illi l-ispejjez gudizzjarji ta' din l-istanza jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------